# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar, 2016

**Talba Nru: 729/2015 DMA**

**GO plc (C 22334) f'isimha propju u a nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Grech Roderick**
**(ID.554285M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet permezz tal-prezenti is-socjeta' Kummercjali GO p.l.c (C 22334) Ta' Triq Fra Diegu, Marsa, li qed tidher hawnhekk f'isimha propju kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Mobisle Communications Limited (C 24655) kif debitament awtorrizzata, tinterpellak sabiex thallas is-somma ta' hames mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€ 521.22) flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet u drittijiet legali, amont dovut lill-istess Socjeta' mittenti in kwantu ghal mitejn u tnejn u sebghin

ewro u hamsin centezmu (€272.50) in konnessjon ma` servizz ta' internet fuq 21668249 (AC40181882) u mitejn u tmienja u erbghin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€248.72) in konnessjoni ma` servizz 79364646 (AC55129352).

Fejn applikabbli, l-ammont fuq imsemmi jinkludi l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipate tal-kuntratti.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghallhekk kellha 'ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Il-konvenut debitament notifikat baqa` ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li 'kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' hames mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€ 521.22) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza u drittijiet ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**